Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAS-SEBA' U TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 9 ta' Diċembru 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.00pm | Sa | 6.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Viċi-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS (Skuzat) |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB |
| | Sur | RALPH CASSAR – RC (Skuzat) |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE – HMF (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – A.Zammit |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

Is-Sinjuri Mark Anthony Spiteri, Ralph Cassar u Herbert Messina Ferrante ma kienux prezenti ghall-bidu tal-laqgha.

### 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Approvati.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-Agenda sabiex jitkellem is-Sur Joe Tabone rigward talba sabiex titnehha l-Bring-in Bank tal-hgieg minn Triq Frans Dingli minhabba l-istorbju li din qed tohloq, meta nies apparentament mhux mir-rahal, jghaddu fil-hinijiet bikrin ta' filghodu jitfghu il-hgieg. Il-Kunsill sema' lis-Sur Tabone u wara li dan halla l-kamra bdiet diskussjoni jekk ghandhiex titnehha jew le. Minhabba li l-Kunsill ma wasalx ghall-decizjoni finali dan l-item baqa' miftuh ghad-diskussjoni darb'ohra anka minhabba l-fatt li s-Sur RC ma kienx prezenti u ssoltu hu joggezzjona li jitnehhew bring-in sites minn fejn ikunu ilhom lokati.

### 2. PUNTI MQAJJMA

Ma kienx hemm punti mqajjma.

### 3. KORRISPONDENZA

- E-mail minghand id-Dipartiment dwar mistoqsija jekk il-Kunsill jistax jixtri s-Servizz ta' Ko-oirdinatur tax-Xogholijiet. Id-Dipartment ma sabx oggezzjoni basta jigu osservati r-regolamenti ta' Tfiegh t`Offerti. Madanakollu minhabba li s-Sur Caruana ghadu taht kuntratt il-Kunsill jirrizerva dritt ghall-decizjoni iktar il-quddiem.
- E-mail minghand Roberta Farrugia sabiex il-Kor Mary's Angel jigi provdut transport sabiex ikanta waqt quddiesa fil-Konkatidral nhar is-Sibt, 20 ta' Dicembru b'risq il-Community Chest Fund Din it-talba giet milqugha

### 4. APPROVAZZJONI TA' RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA LULJU - SETT. 2014

Ir-rapport gie approvat wara li s-Sur Bonnici saqsa fuq item ta' €1500 f'hiex jikkonsisti? Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dan l-item huwa Hospitality u jikkonsisti fl-attivitajiet tal-anzjani u dawk tal-AAC ta' Settembru.

## 5. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI NOVEMBRU

Il-pagamenti gew approvati wara li s-Sur A. Zammit saqsa f'hiex jikkonsisti l-ammont ta` €569 mghoti extra lis-Sur Gauci. Is-SE qalet li dan l-ammont mhux extra imma dovut kull xahrejn skond it-tender fuq bexx ta' Palm skond l-istruzzjonijiet moghtija mil-Bio-technical Plant, Tal-Kmand.

## 6. APPROVAZZJONI TA' PERFORMANCE BONUS

Is-Sur SC qalli ghaddiet sena ohra u l-Kunsill rega' wasal ghall-approvazzjoni *tal-Performance Bonus* fir-rigward tal-istaff u s-Segretarju Ezekuttiv. Hu qal li l-ahjar jibdew minn tal-istaff u wara jghaddu ghall-approvazzjoni *tal-performance bonus* tas-Segretarju Ezekuttlv. Is-Segretarju Ezekuttiv iddistribwiet madwar il-kamra il-persentaggi skond l-iskall tal-istaffkollu u kemm jigi l-ammont fi flus. Qalet ukoll, hekk kif mistoqsija mis-Sur Remigio Bartolo li l-rnassimu fil-kaz tal-istaff huwa 6% filwaqt li l-rninimu huwa 3% filwaqt li dak tas-Segretarju Ezekuttiv imur ghal massimu t'10% u minimu ta' 5%. Is-Sur RB staqsa wkoll lis-Segretarju Ezekuttiv jekk fl-opinjoni taghha kienx hemm zbilanc fil-*performance* tal-haddiema. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-livell jew baqa' l-istess jew f'kazijiet partikolari mmiljora u ghaldaqstant ma tarax deterjorazzjoni *fil-performance* tal-istaff Is-Sur RB qal li ghallh ghandu jinghata l-full, cioe 6% lill-istaff kollu. Kulhadd qabel. Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-*performancebonus* tas-Segretarju Ezekuttiv din intalbet tohrog barra mill-karnra izda ma damitx ma ssejhet lura u giet infurmata li l-Kunsill qabelli jinghata l-full *tal-performance bonus,* cioe 10% fil-kaz taghha wkoll.

## 7. AFFARIJIET OHRA

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni fuq pjanta mghoddija lilu mill-Bio-Technical Plant rigward tnehhija ta' Parking fi Triq il-Mixtla. Il-Kunsill kien qabel skond korrispondenza ta' sentejn ilu mas-Sur Alex Borg, li l-*bay* ghall-*coaches* li giet proposta flok il-parkegg tan-nies kellha ssir fejn hemm iktar spazju fi Triq Lorenzo Manche`. Issa dan il-ftehim gie njorat u minflok qed tigi proposta *build-out* li l-Kunsill xorta ma jaqbilx maghha u jitnehha *parking* sostanzjali li kien ghad-dispozizzjoni tar-residenti. Is-Sur SC qal li ghandu jiltaqa` ma` persuni fuq dan il-progett f'Jannar wara li jghaddu l-festi.
- Is-Sur SC wera ritratt ta' sigra fi Triq Sant'Anton li kienet qed titfa' l-hajt ta' Sant`Anton il-gewwa. Is-Sur SC propona li titnehha l-fergha li qed taghmel il-hsara la din taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill. Is-Sur GB ma qabilx u talab ghall-soluzzjoni ohra jew jaraw l-amministraturi tal-bini ta' Sant'Anton x'jistghu jaghmlu. Id-diskussjoni waqfet hawn.

Is-Sindku ha l-okkazjoni biex irringrazzja lill-kulhadd tal-koperazzjoni kollha murija matul din is-sena u bhalha turija t'apprezzament qassam xi rigali personali fl-okkazjoni tal-Milied filwaqt li xtaq il-Milied it-Tajjeb u Sena Gdida lill-kulhadd. Min-naha taghha s-Segretarju Ezekuttiv qassmet xi djarji, ponsjetti kif ukoll ic-cekkijiet tal-allowance lill-kull min kien prezenti.

Is-Sur RB ressaq dawn il-punti:

- Qal li r-Rivista tinsab lesta ghad-distribuzzjoni u fiha ha jkun hemm l-awguri min-naha ta' kulhadd. Semmawkoll li rnexxilu jgib reklam ta` €200 minghand Back ot Basics.
- Qal li l-istima ghall-progett tal-Kmamar tal-Istazzjoi hi ta' madwar €2000 u ghalhekk galadarba l-Kunsill beda mal-Perit Edward Said it-tfassil ta' rapport fuq l-*embankment* il-Kunsill ghandu jkompli fuq dan il-pass. Kulhadd qabel.
- Talab sabiex il-Kunsill jiddentifika bini propjeta' tal-*Lands* sabiex dan jintaalb biex jigi mghoddi lill-Kunsill.

- Li l-progett taz-zghazagh miexi u xtraw l-ekwipaggament kollu.
- Li jekk isiru xi attivitajiet il-Kunsill jigi nfurmat anka ghax issa li jinsab dizokkupat ghandu iktar hin ghad-dispozizzjoni.
- Talab sabiex il-Kunsill jiddeciedi data bi qbil meta jistghu imorru jieklu d-Dolmen wara li hu gab kwotazzjoni tajba ta' €23 ir-ras. Il-Kunsill qabel ghat-28 ta' Dicembru f'nofsinhar.

Is-Sur J. P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li jerga` jsir lura fejn kien l-istage fi Triq Victor Vassallo minhabba li tnehha hesrem minn Transport Malta. Li ssir *zebra crossing* fil-vicin minhabba li din it-triq saret vera perikoluza.

**8. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata għat-13 ta' Jannar 2015 fil-5.30pm

________________________ Sindku

____________________ Data